Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 23 ta' Gunju 2025**

**Distrett Hamrun**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sarah Kathleen Zerafa)**

**Versus**

**Josianne Cardona Gatt**
**(482481M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Josianne Cardona Gatt,** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 482481M.

Akkuzata talli bejn il-25 ta' April 2022 u t-2 ta' Mejju 2022 gewwa dawn il-gzejjer Maltin:

1. Ir-Rapprezentanta tal-partiti politici ma ssorveljatx l-istampar u l-verifika tal-poloz kollha, l-ippakkjar ta' dawk il-poloz u t-tqassim taghhom lill-Assistenti Kummissjonarji, u/jew m'ghamlitx s-sigilli taghhom fuq il- kollha preparati mill-Kummissjoni Elettorali ghall-kunsinna lill-Assistenti Kummissjonarji. (Art. 354. 50(3))

Rat id-dokumenti prezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.
**Ikkunsidrat**

Illi xehed Joseph Camilleri li jahdem bhala Chief Electoral Officer, fl-Electoral Office fejn qal illi f'kull elezzjoni kull kandidat ghandu bil-ligi jissottometti rapport finanzjarju fi zmien 31 gurnata minn meta r-rizultat jigi ippublikat fil-gazzetta tal-gvern. Fil-kaz ta' Josianne Cardona Gatt, kellha tissottometti r-rapport mahluf sat-2 ta' Mejju 2022 bhala kandidat fl-Elezzjoni Generali. Fil-fatt Josianne Cardona Gatt issottomettiet rapport fil-hin, skennjat permezz ta' e-mail, izda mhux guramentat fit-2 ta' Mejju 2022. Ix-xhud qal li ma setax jiddentifikha ghax ma kienx jaf min hi. Ix-xhud kompla jghid li wara il-Kummissjoni tiltaqa' u tiddeciedi x'ser jigri fir-rapporti finanzjarji mhux sottomessi skond il-ligi. Fuq mistoqsija tal-Qorti, jekk il-persuna li rat l-email u nduna li ma kinitx guramentata, infurmatx lill-imputata, hu wiegeb illi le. Meta kien hemm xi sottomissjoni li ma kinitx skont il-ligi, u kien hemm il-hin dejjem infurmawhom biex jirrangawha qabel ma jiskadi z-zmien, izda dan ir-rapport wasal l-ufficcju dakinhar, fl-ahhar gurnata xi siegha jew tliet kwarti qabel ma kien ser jaghlaq l-ufficcju u ma nfurmawhiex. B'referenza ghad-dokumenti minn fol. 6 sa 17, jghid illi dawn huma ittri ffirmati minnu, li jibghatu lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn jinfurmawhom bl-ismijiet tal-kandidati li ma ssottomettewx ir-rendikont finanzjarju skont il-ligi. Fol. 8 hija *pre-release* li johorgu biex jinfurmaw il-kandidati bil-gurnata sakemm jistghu jissottomettu r-rapport. Fol. 9 hija kopja tal-gazzetta tal-gvern bil-kandidati u fol. 13 hija ittra datata 4 ta' April 2022 indirizzata lil Josianne Cardona Gatt fejn qed tigi infurmata li trid tissottometti r-rapport guramentat sat-2 ta' Mejju 2022. Fil-kontro ezami ix-xhud gie mistoqsi jekk kienx jaf jekk kienx hemm xi raguni ghalfejn id-dikjarazzjoni giet sottomessa minghajr gurament, u hu wiegeb li ma kienx jaf.

Illi xehdet Josianne Cardona Gatt fejn ikkonfermat illi baghtet ir-rapport finanzjarju bl-email minghajr ma kien igguramentat, izda dakinhar kienet marida bil-COVID u rragunat illi kien ahjar li tissottomettiha fil-hin u mhux guramentata. Hi qatt ma rceviet konferma li giet accettata u lanqas li kienet qieghda tigi michuda, u allura serrhet rasha li giet accettata u assumiet li ghamlu eccezzjoni minhabba li kien zmien tal-COVID. Hi hasbet li kienu ser jibghatulha lura li kienu ser jaccettawha u jaghtuha zmien sabiex tikkonfermaha bil-gurament, izda hi ma rceviet xejn, la *refusal* u lanqas *acknowledgement*. L-imputata qalet illi jidhrilha li kienet baghtet e-mail fejn spjegat illi kienet marida bil-COVID dakinhar, izda ma tafx jekk kellhiex kopja ta' dawn l-e-mails.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta illi l-imputata kienet kandidata ghall-Elezzjoni Generali u skont l-Artikolu 50(3) taht Skeda Erbatax tal-Kapitolu 354 tal-Ligijiet ta' Malta, kellha tissottometti rapport guramentat lill-Kummissjoni Elettorali fi zmien wiehed u tletin gurnata minn meta jigi ppubblikat ir-rizultat tal-elezzjoni. Illi fil-fatt il-kandidati kienu gew infurmati permezz t'ittra, kif ukoll *press release* li kellhom jissottomettu dan ir-rapport sat-2 ta' Mejju 2022. L-imputata fil-fatt issottomettiet dan ir-rapport *'scanned'* permezz ta' e-mail fit-2 ta' Mejju ghal habta ta' 2.00pm, izda dan ma kienx gie guramentat. Illi l-imputata ghazlet li tixhed u spjegat illi dakinhar li kellha tissottometti r-rapport kienet marida bil-COVID u ma setghetx tmur ghand Nutar allura rragunat li kien ahjar li tissottomettih fil-hin u fil-kaz tiehu l-gurament wara. Hi baghtet ir-rapport fit-2 ta' Mejju 2022 f'xi s-2.00pm u la rceviet *acknowledgement* u lanqas *refusal* min-naha tal-Kummissjoni Elettorali u allura fehmet li accettaw ir-rapport taghha kif kien. Illi wkoll ix-xhud ghall-Kummissjoni Elettorali ivverifika taht gurament illi min-naha taghhom qatt ma kkuntattjaw lill-imputata sabiex jghidulha bin-nuqqas.

Illi wara li rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali kif ukoll semghat ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuza fil-konfront ta' l-imputata ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti **qed issib lill-imputata mhux hatja** u tilliberaha mill-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**